MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Numru. 778/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Cassar**

**vs**

**Daygon Magro**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Daygon Magro ta’ 17 il-sena, iben John u Maria Theresa nee’ Azzopardi, imwieled f’ il-Pieta fit-30 ta’ Awwissu, 1988, u residenti fil-fond numru 35, Triq Erin Serracino Inglott, Bormla u detentur ta’ karta tal-identita bin-numru 521588(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

1. Fil-11 ta' Dicembru, 2005 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa ghandu jew / u xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom u cioe' 'air pistol' tal-marka Walther;

2. U talli fl-istess zmien u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, zamm fil-pussess tieghu jew kellu taht il-kontroll tieghu, jew garr, arma tan-nar u cioe' 'air pistol' tal-marka Walther jew munnizjon, minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 7 ta' Awwissu 2006 (a fol. 16 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-12 ta' Frar 2007 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Novembru 2008 il-Prosekuzzjoni irtirat l-ewwel akkuza migjuba il-konfronti tal-imputat.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2008 ghat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-istess imputat l-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta u l-fatt li fid-data li kommetta r-reat huwa kellu biss sittax (16) il-sena u ghalhekk ser tigi applikata l-piena fil-minimum. Inoltre wara li rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 480 l-Qorti tiddikjara li ser tapplika l-piena stabbilita fil-Kap. 66 tal-Ligijiet ta' Malta stante li l-proceduri odjerni gew intavolati qabel ma dahal fis-sehh il-Kap. 480.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel akkuza migjuba fil-konfronti tal-imputat u wara li rat l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 66 u l-Artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat hati tat-tieni akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah multa ta' tlett mitt Ewro (€300).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------